MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 127/2008

**Avukat Dr. Christine Bellizzi bhala mandatarju specjali ta` Christopher Parker**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Fl-10 ta` Settembru, 2007 mietet Faye Esme sive Florence Edith Gilchrist Langley u l-mewt taghha giet debitament registrata fir-Registru Pubbliku ta` Malta, permezz tac-certifikat tal-mewt bin-numru 2314/2007.

Madankollu uhud mid-dettalji li inghataw lill-konvenut kienu inkorretti u ghalhekk fic-certifikat tal-mewt ta` **Faye Esme sive Florence Edith Gilchrist Langley** li jgib in-numru progressiv **2314/2007** jezistu diversi l-izbalji li ser jigu indikati.

Fl-ewwel lok l-isem tal-mejta huwa indikat biss bhala Faye Esme meta fil-fatt hija kienet maghrufa b`dan l-isem pero` kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha (*vide* Dokument ittra ‘B’) hija effettivament jisimha Florence Edith;

Fit-tieni lok isem missier il-mejta huwa erronjament indikat bhala Edward Austin Horlick Clarke meta fil-fatt huwa Edward Austin Clarke (*vide* Dok. ‘B’).

Fit-tielet lok isem omm il-mejta hu erronjament indikat bhala Yolanda Elizabeth nee Huglett minflok Florence Elizabeth nee Huggett (*vide* Dok. ‘B’).

Fir-raba` lok isem ir-ragel tal-mejta huwa indikat bhala Jack Langley meta fil-fatt kien jismu John (komunement maghruf bhala Jack) Gilchrist Langley kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (Dokument ittra ‘C’);

Dan kollu jirrizulta ukoll mid-dettalji ta` l-ahhar testment taghha, fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin nhar it-8 ta` Novembru, 2006 (Dokument ittra ‘D).

Ir-rikorrent ghandu interess illi dawn l-izbalji jigu korretti.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara illi isem il-mejta, isem il-genituri taghha u isem ir-ragel taghha kif murija fic-certifikat tal-mewt huma inkorretti.

2. Tordna il-korrezzjoni ta` l-imsemmi certifikat tal-mewt 2314/2007 fis-sens hawn imsemmi, u cioe` billi:-

i. fil-kolonna intestata *'Isem u Kunjom tal-mejjet'* ghandu jitnizzel il-kliem 'Florence Edith *sive* Faye Esme Gilchrist Langley' minflok 'Faye Esme Langley';

ii. fil-kolonna intestata *"Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla"* ghandu jitnizzel il-kliem "John sive Jack Gilchrist Langley" minflok Jack Langley;

iii. fil-kolonna intestata *'Isem u kunjom il-genituri'* ghandu jitnizzel il-kliem 'Edward Austin Clarke (dead)' u 'Florence Elizabeth Clarke nee Huggett (dead)' minflok Edward Austin Horlick Clarke (dead)' u 'Yolanda Elizabeth Clarke nee Huglett (dead)'.

Rat ir-risposta.

1. Preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet.

2. Ir-rikorrenti ghandha tispecifika, jekk hu l-kaz, x`atti ta` l-Istat Civili ohra jehtieg li jigu korretti ai termini ta` l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tal-Mewt mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-intimat li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-spejjez ta` l-istanti. L-esponent jirrileva li jirrizulta li d-dikjarant fuq Att tal-Mewt in kwistjoni kien Christopher John Parker li kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u iffirma ghaliha quddiem l-ufficcjal pubbliku kienet korretta.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent ghandu x`jissottometti ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodott.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat illi l-fatti kif elenkati fir-rikors promotur kollha jinsabu pruvati mid-dokumenti esibiti, u dan a sodisfazzjon ta` din il-Qorti.  L-istess fatti ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi;

1.  tilqa` l-ewwel talba;

2.  tilqa` t-tieni talba u tordna li fic-certifikat tal-mewt nru 2314/2007 fil-kolonna “isem u kunjom tal-mejjet” ghandu jitnizzel il-kliem Florence Edith sive Faye Esme Gilchrist Langley; fil-kolonna “jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla” jitnizzel il-kliem John sive Jack Gilchrist Langley minflok Jack Langley; u fil-kolonna “isem u kunjom il-genituri” ghandu jitnizzel il-kliem ‘Edward Austin Clarke (dead) u ‘Florence Elizabeth Clarke nee Huggett (dead)’ minflok ‘Edward Austin Horlick Clarke (dead)’ u ‘Yolanda Elizabeth Clarke nee Huglett (dead);

Peress illi ma tirrizulta ebda htija da parti tal-intimat, l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------